**Qorti tal-Appell Kriminali**

**Onor. Imhallef Consuelo Scerri Herrera, LL.D., Dip Matr., (Can)**

**Appell Nru: 52 / 2020**

**Il-Pulizija**

**Spettur Mario Xiberras**

**vs**

**Anthony Borg**

Illum, 27 ta' Ottubru, 2020

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellant Anthony Borg, detentur tal-karta ta' l-identita' numru 260783 M, akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) talli:

1. Nhar it 22 ta' Lulju, 2019 bejn 10:45 hrs u 11:00hrs ikkommetta serq ta' iPad ta' l-għamla Apple u bagalja li l-valur jeċċedi mitejn tnejn u tletin Euro u erbgħa u disgħin ċenteżmu (iżda mhux iktar minn elfejn tlett mija disgħa u għoxrin Euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (minn ġewwa l-Isptar Mater Dei Tal-Qroqq, Msida, liema serq huwa kkwalifikat bil valur għad-detriment ta' Mark Formosa;

2. Ukoll talli nhar it-22 ta' Lulju, 2019 u fil-ġranet ta' wara f'dawn il-gżejjer laqa' iPad ta' l-għamla Apple misruq, meħud b'qerq jew akkwistat b'reat, sew jekk dan sar f' Malta jew barra minn Malta, jew xjentement b' kull mod ieħor

indaħal biex ibiegħu jew jmexxih bi ksur ta' l-Artikolu 334 tal Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

3. Ukoll talli nhar il-21 ta' Lulju 2019 għall ħabta ta' 17:00hrs u xi ġimgħat qabel ikkommetta serq ta' diversi oġġetti ta' l-ikel li l-valur jeċċedi mitejn tnejn u tletin Euro u erbgħa u disgħin ċenteżmu (iżda mhux iktar minn elfejn tlett mija disgħa u għoxrin Euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (minn ġewwa l-istabbiliment LIDL li jinsab fi Triq id-Difiża Ċivili, Mosta, u dan għad-detriment ta' l-operaturi tal- kumpanija LIDL u/jew ta' entitajiet u/jew persuni oħra;

4. U aktar talli kiser il-kundizzjonijiet tal-libertà proviżorja imposti fuqu mill-Qorti tal-Maġistrati presjeduta mill-Maġistrat Dr. Audrey Demicoli LL.D. nhar it-18 ta' Lulju, 2019, li bihom ingħata il-ħelsien mill-arrest taħt garanzija personali ta' tmint elef u ħames mitt Euro (€8,500); (€8,500);

5. Talli kkommetta reat waqt li kien taħt Ordni ta' Probation mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati presjeduta mill-Maġistrat Dr. Joe Mifsud LL.D. nhar il-5 ta'Marzu 2019, liema sentenza saret definittiva u ma tistax tiġi mibdula;

Rat it talba tal-Prosekuzzjoni sabiex il-Qorti tirrevoka l-ħelsien mill-arrest ta' Anthony Borg u tordna l-arrest mill-ġdid tiegħu kif ukoll tordna li s-somma ta' tmint elef u ħames mitt Euro (tgħaddi favur il-Gvern ta' Malta kif provdut fl-Artikolu 579 (3) tal- Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

Rat it-talba ulterjuri tal-Prosekuzzjoni sabiex il-Qorti tittratta ma' Anthony Borg bħala reċediv ai termini ta' l-Artikoli 49, 50 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, b' diversi sentenzi li saru definitt ivi u ma jistgħux jiġu mibdula;

Rat il-Kunsens ta' l-Avukat Ġenerali a tenur ta' l-Artikolu 370 (4) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, a fol. 4 tal proċess;

Rat id-dokumenti esebiti mill-Prosekuzzjoni waqt is-seduta tas-27 ta' Lulju, 2019, a fol. 5 sa' 39 tal proċess;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tas-27 ta' Frar, 2020 fejn il-Qorti filwaqt li astjenit milli tieħu konjizzjoni tat-tieni akkuża dedotta fil-konfront ta' l-imputat in kwantu alternattiva għall-ewwel akkuża dedotta fil-konfront tiegħu, wara li rat u kkunsidrat l-Artikoli 17 (b), 18, 31, 49, 50, 261 (ċ), 267, 279 (a), 284, 285, 289, 337 (2), 579 (2), (3) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta sabet lill-imputat ħati ta' l-ewwel akkuża dedotta fil-konfront tiegħu kif ukoll tar-reat ta' serq sempliċi minn ġewwa l-istabbiliment LIDL, fi Triq id-Difiża Ċivili, Mosta, fil 21 ta' Lulju, 2019, għall-ħabta ta' 17:00hrs u xi ġimgħat qabel, u tat-tielet akkuża dedotta kontrih u filwaqt li trattat miegħu bħala reċediv ikkundannatu għall-perijodu ta' erba' snin priġunerija effettiva.

A Tenur ta' l-Artikolu 579 (3) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, u fid-dawl tat-talba mressqa mill-Prosekuzzjoni, il-Qorti irrevokat l-ħelsien mill-arrest konċess lill-imputat bid-Digriet mogħti mill-Qorti tal-Maġistrati (presjeduta mill-Maġistrat Dr. Audrey Demicoli LL.D. fit-18 ta' Lulju, 2019 u ordnat r-riarrest immedjat tiegħu u ordnat wkoll li l-garanzija fl-ammont ta' €8,500 tgħaddi favur il-Gvern ta' Malta.

Wara li rat u kkunsidrat l-Artikolu 23 (1) (a), (4) tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta u l-Artikoli 17 (b), 31, 41 (1) (a), 49, 50, 261 (b), (f), 263, 270, 278 (1), (2) u 289 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti sabet lill-imputat ħati tal-ħames akkuża dedotta fil-konfront tiegħu u b' hekk titratta miegħu, inkluż bħala reċediv, għar-reati li għalihom kien tqiegħed taħt Ordni ta' Probation fil-5 ta' Marzu, 2019, billi ikkundannatu għal perjodu ta' sentejn priġunerija effettiva.

B'dana, għalhekk li l-imputat gie kkundannat għall perijodu komplessiv ta' sitt snin priġunerija effettiva.

Rat ir-rikors tal-appellanti Anthony Borg minnu pprezentat fit-12 ta' Marzu, 2020, fejn talab lil din il-Qorti sabiex tirriforma s-sentenza appellata, billi, tikkonfermha fil-parti fejn sabet lil appellant mhux hati u astjeniet u cjoe', fit-tieni akkuza, u, thassarha u tirrevokha fil-parti fejn sabitu hati u cjoe, fl-akkuzi 1, 3, 4 u 5, u kwindi tilliberah skond il-Ligi minn dawn l-imputazzjonijiet, htija u piena, u, minghajr pregudizzju, f'kaz li dan l-appell ma jintlaqax, tirriformha in kwantu piena nflitta mill-Ewwel

Qorti fl-ismijiet hawn fuq premessi u tinfliggi piena iktar idonea u anqas harxa u li tirrispekkja il-kaz in ezami.

Rat l-aggravji tal-appellanti li huma cari u manifesti u jikkonsistu fis-segwenti:
L-appellant waqt li kien interrogat, ssaqsa ghal avukat anka jekk ma kellux mezzi biex jhallas u dan huwa evidenti permezz tat-traskrizzjoni CD intervista, a fol. 128 tal-process, meta mistoqsi jekk iriedx jkollu avukat jikkonsultah, l-appellant wiegeb: ***"qabbduli wiehed u nkellmu ghax jiena din fiha l-istorja jien dhalt fiha intortament".***Kien biss l-ghagla tal-investigaturi illi qalulu "nkomplu mela", fatt muri fl-istess stqarrija rilaxxata, meta dan jikser id-drittijiet fundamentali kif sanciti b'diversi sentenzi bhal *Il-Pulizija vs Robert Agius, 10/10/2018, Ref: 93/2017 per JPG, Prim Awla sede Kostituzzjonali* kif wkoll fid-decizjoni tal-Qorti Kostituzzjonali, u, *Graziella Attard vs AG, [27/9/2019]* fejn gie ordnat l-isflizar tal-istqarrija tal-akkuzata stante illi ma kelliex l-faculta li tikkonsulta ma avukat waqt l-istess interrogazzjoni. Huwa veru li l-appellant kien offrut li jaghmel hekk, pero, ghad illi huwa wera li xtaq avukat, bl-ghagla, dan ma nghatalux effettivament u il-fatt illi biex 'jehles' qallhom mela mexxu, ma jfissirx illi l-appellant ma xtaqx avukat meta huwa stess qallhom l-oppost, kif kwotat iktar qabel.

Aggravvju iehor huwa l-fatt illi instab hati fuq serq tal-I-Pad meta il-provi u fatti kollha juru li kienet omm l-appellant illi effettivament serqet l-istess I-Pad mill-isptar. Dan huwa evidenti mix-xhieda taghha stess Censina Borg liema fatt hija stess tressqet bl-istess serqa u inghatat sentenza sospiza fuq dan, kif wkoll kull xhieda moghtija, indikat illi kienet hi illi ghaglet lil binha ossia appellant illi jigbor bagalja mitluqa mal-art f ward minnhom fil-Mater Dei. Jsegwi illi il-fatt illi gabbru mill-art ma jikkostitwiex serq kif jelenka l-elementi ta serq il-Carrara, meta l-istess gurista jghid illi: *la contrazione doloza di un oggetto mobile, senza l-autorizzazzione dell proprietario col intendere di fare lucro, ossia profitto.* Semmai kellu jkun dato non concesso akkuzat b'komplicita` fl-istess serq ta I-Pad mhux illi kien l-appellant il-principal fl-istess serqa. Dan mhux il-kaz stante illi ebda akkuza ta komplicita` ma inghatat.

Jsegwi hawn illi galadarba Qorti sabet htija fuq zewgt persuna fuq semplici fatt illi ingabret bagalja mill-art kontentendi I-Pad, mhux pacifiku illi it-tesi ta` serq japplika

ghat tnejn, kellu l-izjed jkun xi hadd minnhom li instiga lil iehor dwar serq u mhux iz-zewgt persuni inghataw l-istess akkuza ta serq.

Aggravvju iehor huwa illi hawn si tratta tal-applikazzjoni tal-Artikolu 18 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta` Malta, ossia ir-reat kontinwat. L-istess Kodici Kriminali jelenka kif ghandha tkun ikkalkulata il-piena, meta hawn qed nitkellmu fuq zewgt kazijiet fl-istess jum fi frattemp ta ftit sighat bejn wahda u l-ohra. Dan jammonta ghal reat kontinwat ikkagunat bil-kundizzjoni medika tal-appellant, li kien taht effetti tal-mistura li kien qed jinghata biss 3 ijiem wara li gie irrillaxxat mill-Habs. Kif kien ikkalkulat il-htija u piena mill-Ewwel Qorti kien skartat l-istess artikolu 18 tal-Kap 9, billi inghatat sentenza ta` prigunerija fil-massimu taghha bhallikieku wettaq diversi serqiet aggravati bil-valur li jeccedi l-2330 ewro, meta mhux il-kaz. L-appellant jehtieglu ghajnuna medika sabiex johrog minn vizzju ikrah tat tehid ta droga, u certament il-piena nflitta mhux konsonanti ma diversi decizjonijiet illi wrew klemenza ghal kazijiet simili.

Kif kien deciz fid-decizjonijiet: <u>*P vs Joseph Galea, il-Qorti irriteniet hekk: "jekk il-Qorti tara li diversi infrazzjonijiet f'kawzi separati kellhom jigu trattati bhal reat kontinwat f'kawza wahda, il-Qorti ghandha timmodera u tadegwa il-piena ghac-cirkostanzi"*</u>[1]

L-istess kien ritenut fl-appell *P vs Fatiha Khallouf,* fejn kien ikkonstatat illi kazijiet simili ghandhom jkunu kunsiderati bhala *actions mhux acts:*

*"Dan iffisser li anka jekk hemm azzjonijiet (actions mhux acts) ripetuti li dejjem saru bl-istess hsieb kriminuz li tinkiser l-istess dispozzizjoni tal-Ligi, anka jekk dawk l-azzjonijiet saru fi zmienijiet differenti spazjati minn xulxin, mela hemm ghandek reat wiehed biss,* ***dak kontinwat****".*[2]

Tenut kont illi hawn si applika l-artikolu 18 tal-Kap 9, jsegwi illi kull evidenza u prova turi bic-car illi l-appellant huwa intitolat ghal provvedimenti tal-Art 8 tal-Kap 537 tal-Ligijiet ta` Malta u dan stante illi mhux il-kaz illi il-piena teccedi il-massimu impost fl-istess cjoe dik ta` 7 snin prigunerija. L-appellant huwa kaz idoneju ta` persuna li tehtiegielha kura u mhux incarcerazzjoni twila fejn din effettivament tkisser kull tama li persuna tfieq u tkun rihabilitata. Dan wkoll huwa naxxenti mill-

1 P vs Joseph Galea: Appelli Inferjuri 3/11/1995 per VDG
2 Appell: 118/2001 per VDG [25/9/2001]

fatt ta kif sehhew l-azzjonijiet mill-appellant fejn huwa tefa oggetti tal-ikel sabiex jiekol, u fil-kaz I-Pad, kienet ommu stess li qaltlu igborha ha naraw x'fija u jghodd ghalina, persuna vulnrabbli suggetta ghat tehid ta' medicina rizultanti sintomi ikkagunati mill-vizzju kroniku ta droga.

Dan mhux il-kaz fejn l-appellant, pjana u wettaq serq massicca deliberatament, izda kagun in-nuqqas ta *foresight* li kellu fiz-zmien li sehh il-kaz.

Ikkunsidrat,

Illi fl- 10 ta' Awissu 2020 l-appellant Anthony Borg prezenta rikors fejn talab li in segwitu tal-konferma kif premessa fir-rikors din il-Qorti tikkonverti ruhha f'Qorti ta' Droga *ai termini* tal-Artikolu 8 tal-Kap 537 tal-Ligijiet ta' Malta.

F'dan ir-rigward espona:

'...

*Illi fl-istess appell ipprezentat, bhala parti mill-aggravvji u fatti hemm elenkat kif l-appellant kien dipendenti minn sustanzi ta' droga fil-passat liema vizzju wasslu sabiex jkun illum residenti fil-Facilita Korrettiva go Kordin;*

*Illi, fl-istess appell, l-esponent jippremetti illi l-appell tieghu jisthoqlu jibbenefika mill-provvedimenti tal-Kap 537 Artikolu 8, u dan stante li l-piena ma teccediex l-massimu mpost fl-istess Kapitolu. Huwa jista jharrek bhala xhieda sabiex jikkonfermaw illi kellu dan il-vizzju lil, Dr George Grech (Detoc Centre) u lil psikjatra Dr Joseph Spiteri li fil-passat l-appellant kien pazjent taghhom kagun l-vizzju ta' droga;*'

Rat li din il-Qorti permezz tad-digriet datat l- 10 ta' Awwissu 2020 wara li rat ir-rikors ordnat in-notifika tal-Avukat Generali b'jumejn zmien ghar-risposta;

Rat ir-risposta tal-Avukat Generali pprezentata fil- 11 ta' Awissu 2020 fejn wiegeb:

'...

*Illi l-akkużi illi tressaq fuqhom Anthony Borg huma dwar serq u illi kiser ukoll il-kundizzjonijiet tal-liberta' provviżorja u talli kkommetta reat waqt li kien taħt Ordni ta' Probation u illi Anthony Borg qed jappella minnhom, salv għat-tieni dispożizzjoni illi l-Onorabbli Qorti astjeniet milli tieħu konjizzjoni tagħha;*

*Illi l-artikolu 8 sub-artikolu 2 (a) tal-Kap. 537 jgħid illi r-reat kontra l-liġijiet dwar id-droga jew kontra kull liġi oħra li bih il-persuna akkużata hi mixlija hu sostanzjalment attribwibbli għad-dipendenza ppruvata fuq id-droga tal-akkużat;*

*Illi Anthony Borg ilu jinstab ħati ta' serq għal tul ta' żmien twil sewwa sew minn mindu kellu sittax-il sena, hekk kif jidher mill-fedina penali tiegħu;*

*Illi in oltre' Anthony Borg kien fil-pussess tad-droga Cannabis biss fl-2004 u fl-2011 u fil-pussess tad-droga Eroina fl-2010, hekk kif jidher mill-fedina penali tiegħu;*

*Illi inoltre' Anthony Borg fir-rikors odjern tiegħu datat 10 t'Awwissu 2020 sempliċiment qal illi l-istess Anthony Borg kien dipendenti minn sustanzi ta' droga fil-passat u illi allura dan id-diskors waħdu diġa' jmur kontra dak elenkat mill-artikolu 8 sub-artikolu 2 (a) tal-Kap. 537 u dan għaliex is-serq irid ikun kaġun tad-droga ta' dakinhar jew ta' dak il-perjodu iżda żgur mhux minħabba xi abbuż tad-droga ta' snin twal ilu;*

*Illi inoltre' fl-ebda mument quddiem l-Onorabbli Qorti tal-Magistrati meta tressaq b'dawn l-akkużi Anthony Borg ma qajjem din il-problema;*

*Illi inoltre' artikolu 8 sub-artikolu 2 (c) tal-Kap. 537 jgħid illi jrid ikun hemm raġunijiet oġġettivi li jindikaw li l-persuna akkużata x'aktarx tiġi riabilitata mid-dipendenza fuq id-droga jew li għamlet progress jew sforz sostanzjali sabiex teħles mid-dipendenza mid-droga.*

*Illi l-fedina penali ta' Anthony Borg tindika illi hu diga' instab ħati ta' pussess tad-droga, hekk kif elenkat hawn fuq;*

*Illi għaldaqstant, Anthony Borg seta' jekk ried ipprova jiġi riabilitata mid-dipendenza fuq id-droga fil-passat;*

*Illi allura jekk wieħed jaċċenna illi Anthony Borg għandu l-vizzju tad-droga f'dan l-istadju u wieħed jikkunsidra l-fedina penali tal-istess Anthony Borg allura jidher illi Anthony Borg ma jixtieqx jagħmel progress jew sforz sostanzjali sabiex jeħles mid-dipendenza tad-droga;*

*Illi inoltre' Anthony Borg kien ingħata opportunitajiet sabiex ibiddel ħajtu mill-Onorabbli Qrati Maltin u tant hu hekk illi hu mressaq illi ikkommetta reat waqt li kien taħt Ordni ta' Probation u allura l-fatt illi Anthony Borg jaċċenna illi ser ibiddel ħajtu jew qed jibiddel ħajtu propju issa f'dan l-istadju tidher kemmxejn improbabbli;*

*Illi għaldaqstant, l-esponent ma jsibx ukoll opportun illi jixhdu Dr George Grech (Detox Centre) u lill-psikjatra Dr Joseph Spiteri stante illi ma jistgħux jitressqu provi ġodda f'dan l-istadju;*

*Illi għaldaqstant, l-esponent **joġġezzjona** għat-talba kif dedotta fir-rikors promotur.'*

Rat illi fir-rikors tal-appell tal-appellant gie sottomess li l-appellant huwa intitolat ghal provvedimenti tal-Artikolu 8 tal-Kapitolu 537 tal-Ligijiet ta' Malta u dan stante illi mhux il-kaz illi l-piena teccedi l-massimu impost u cioe' dik ta' seba' (7) snin prigunerija. Jissottometti

li l-appellant huwa kaz idoneju ta' persuna li tehtiegielha kura u mhux incarcerazzjoni twila fejn din effettivament tkisser kull tama li persuna tfieq u tkun rihabilitata. Jissottometti li dan wkoll huwa naxxenti mill-fatt ta' kif sehhew l-azzjonijiet mill-appellant fejn huwa tefa oggetti tal-ikel sabiex jiekol, u fil-kaz I-Pad, kienet ommu stess li qaltlu igborha ha jaraw x'fiha u jghodd ghalihom, persuna vulnerabbli suggetta ghat-tehid ta' medicina rizultanti sintomi ikkagunati mill-vizzju kroniku ta' droga.

Illi fis-seduta tal- 1 ta' Settembru 2020 gie trattat ir-rikors tal-appellant ghal konverzjoni ta' din il-Qorti f'Qorti ta' Droga u l-Qorti ordnat li ghas-seduta li kien imiss jitharrku Dr. George Grech u Dr. Joseph Spiteri;

**Dr Joseph Spiteri** xehed fis-seduta tad- 29 ta' Settembru 2020 u gharaf lill-appellant fl-awla. Spjega li jaf diversi ahwa tal-familja Borg pero' in partikolari lill-appellant ilu jafu ghal numru ta' snin u ghandu problema serja ta' drogi, ta' tehid ta' sustanzi illeciti, partikolarment huma jghidulu '*poly drug user*' u kien ikollu wkoll episodju ta' psikozi taht l-effett tad-drogi.

Kien ikollu psikozi meta kien ikun taht l-effett tad-drogi. Illum il-gurnata ma ghadux il-psikjatra tal-habs u ma ghadux jarah, pero' milli jista' jifhem l-imgieba tieghu hija mhux hazin bhalissa. Ilu jafu xi ghaxar (10) snin, mistoqsi jekk qatt ghamel xi korsijiet, programmi biex jindirizza din il-problema, wiegeb '*Jidirli li kien prova jagħmel pero' ma naħsibx li kien għamilhom b'suċċess jiġifieri li ma kienx baqa' hemm it-tul kollu.*' Ma segwihx kontinwament izda '*on and off*'. Peress li kien ghamel dan l-ahhar ghaxar (10) snin il-habs kien jarah meta kien ikun qiegħed hemm hekk u anke meta kien hareg kien gie l-klinika tieghu biex jarah. Qal li huwa ahjar ghaliex meta jara l-istat fiziku tieghu hdejn is-soltu meta jkun taht l-effett tad-droga jkun irqiq stanga u qisu wiccu mixrub. Issa ma ghadux taht il-kura tieghu, l-ahhar li rah qisu xi sena ilu jigifieri fis-sena 2019. Huwa kien '*poly drug user*', dak li jigih quddiemu jiehdu ghaliex tant kien ikun bla kontrol. Kemm erojina, kokajina u anke l-kannabis. Meta jkollu episodju tal-psikozi kien jigi lejn Mount Carmel jigifieri lejn il-Forensic Unit fejn kien jinzamm hemm ghal certu perjodu mbghad jerga jirrilaxxah u jerga jmur il-habs pero' kien jarah kull darba li kien jinqala' l-problemi. Jahseb li rah aktar minn hamsin (50) darba f'ghaxar snin. L-opinjoni tieghu professjonali hija bbazata fuq dak li jghidlu hu u fuq dak li jara jigifieri l-effett tad-drogi u dawn l-affarijiet, jigifieri mhux xi haga soggettiva izda oggettiva fil-moniteragg taghhom.

**Dr George Grech** xehed fis-seduta tad- 29 ta' Settembru 2020 fejn qal li l-ewwel li rah fl-2007 imbghad jahseb li ghamel zmien il-habs u rega rah fl-ahhar tas-sena 2018. Dan kellu problema ta' dipendenza fuq l-erojina. Difficli jghid jekk problema ta' dipendenza kbira jew

zghira imma l-problema hemm kienet zgur ghax imbaghad zmien twil il-habs. Meta rega hareg fl-elfejn u tmintax (2018) mbaghad rega' gie ghall-ghajnuna, Dicembru elfejn u tmintax (2018). Bejn dawn id-dati kien il-habs, ghamel zmien twil il-habs jigifieri hemm hekk imbaghad jinqata' l-kuntatt.

**Lt. Helenio Galea** xehed fis-seduta tas- 6 ta' Ottubru 2020 fejn spjega li l-appellant dahal il-habs fuq 10 okkazzjonijiet differenti jigifieri li jvarja minn serq aggravat, konverzjonijiet ta' multi, dawk it-tip ta' affarijiet. L-ewwel darba li dahal il-habs kien f'Novembru tas-sena elfejn u disgha (2009). Huwa esebixxa case report tal-appellant immarkat CDR. Kemm ilu l-habs rapporti ta' ubidjenza kellu bosta, kellu wiehed u sebghin (71) u l-ahhar wiehed li kellu kien inqata f'Jannar li ghadda jigifieri minn Jannar sal-lum totalment '*ejja ngħidu trasforma ruħu.*' Fejn qabel kien ikollhom l-problemi kull zewg minuti, kull tlett minuti jehlu mieghu, dan l-ahhar hdax il-xahar ma jisimghux hossu. Kien ghamel zmien ukoll qieghed inaddaf is-showers tad-division stess u ghal xi raguni waqaf minn jeddu. Ix-xhud kellem lil psikologa u kienu ghadhom qatt ma rawh u rreferihom biex jibdew isegwuh ukoll, kemm lilu kemm il-care plan ghax anke mill-urine li qed jiehdulu qieghed kollu clean, kollha negative u jghid li qabel kien ikollu hafna postive, wahda f'wahda, illum hafna negative.

Spjega li ha jipprovaw billi ha jmexxuh biex forsi jibdew programm ta' rijabilitazzjoni mid-droga ghax ghandu bzonn. Spjega li '*Jiena nafu kif kien qabel fejn il-ħin kollu għaddej jiġifieri jieħu d-droga, kif tatih iċ-ċans, qabel lanqas kont tista' tafdah għall-edba raġuni jiġifieri, konna nkunu ħafna għassa tiegħu. Illum il-ġurnata qiegħed aktar relax ejja ngħidu u meta nitkellmu miegħu, anke jien meta nitkellem miegħu qed juri l-ħeġġa li jrid jibda' ħajja ġdida u jrid jaqta' mill-affarijiet li kien qed jagħmel qabel.*' Spjega li kien gie rilaxxat fid-dsatax (19) ta' Lulju tas-sena elfejn u dsatax (2019) u l-*bail* kien hadu fil-hamsa (5) ta' Lulju u sussegwentement tielef il-*bail*. Jigifieri meta nghata l-bail fil-hamsa (5) ta' Lulju kien hareg fid-dsatax (19) ta' Lulju tas-sena elfejn u dsatax (2019) ftit qabel ma sehh ir-reat addebitat lilu f'dawn il-proceduri. Esebixxa urine test report immarkat UTR, behaviour report immarkat Dok BR, kif ukoll inmate daily movements report immarkat DMR.

Semghet il-partijiet jitrattaw din it-talba u cioe' sabiex il-Qorti tikkonverti ruhha f'Qorti ta' Droga.

Ikkunsidrat;

Illi l-**artikolu 8(1) tal-Kapitolu 537 tal-Ligijiet** ta' Malta jaqra:

'*Meta l-persuna akkużata hija mixlija b'reat kontra l-liġijiet dwar id-droga fir-rigward ta' kwantità ta' droga projbita li, irrispettivament mit-tip tad-droga jew mill-purità ma taqbiżx il-kwantità ta' droga elenkata fil-Linji Gwida li jinsabu fir-Raba' Skeda tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi*

*jew fir-Raba' Skeda tal-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li għandhom x'jaqsmu magħha bħala kwantità ta' droga li tindika li l-persuna akkużata m'għandhiex tiġi riferita għal proċeduri quddiem il-Qorti Kriminali,* ***jew hi akkużata bit-twettiq ta' xi reat li għalih hemm piena ta' mhux aktar minn seba' snin priġunerija****, u l-kundizzjonijiet imsemmija fis-subartikolu (2) huma sodisfatti, il-Qorti tista', wara li tisma' s-sottomissjonijiet magħmula f'isem il-persuna akkużata u f'isem il-prosekuzzjoni u wara li tisma' kull xhud li l-Qorti tqis bħala neċessarju li jinstema' , toħroġ digriet li permezz tiegħu l-Qorti tassumi l-funzjoni ta' Qorti dwar id-Droga.'*

Jirrizulta li r-reati li taghhom gie akkuzat bihom l-akkuzat ma ghandhomx piena li teccedi s-seba' (7) snin prigunerija.

Illi l-artikolu 8(2) tal-istess Kapitolu jaqra:

*'Il-kundizzjonijiet li għandhom jiġu sodisfatti għall-finijiet tas-subartikolu (1) huma dawn li ġejjin:*

*(a) li r-reat kontra l-liġijiet dwar id-droga jew kontra kull liġi oħra li bih il-persuna akkużata hi mixlija hu sostanzjalment attribwibbli għad-dipendenza ppruvata fuq id-droga tal-akkużat;*

*(b) li r-reat kontra xi liġi oħra li mhix il-liġijiet dwar id-droga li bih il-persuna akkużata hi mixlija ma jikkonsistix f'reat volontarju kontra l-persuna jew f'att kriminali mwettaq waqt li l-persuna akkużata kienet fil-pussess ta' armi regulari jew bl-użu ta' nar jew splussiv;*

*(ċ) li hemm raġunijiet oġġettivi li jindikaw li l-persuna akkużata x'aktarx tiġi riabilitata mid-dipendenza fuq id-droga jew li għamlet progress jew sforz sostanzjali sabiex teħles mid-dipendenza mid-droga.'* (Sottolinear mizjud minn din il-Qorti.)

Ghal dak li jirrigwarda ir-rekwizit li r-reat li bih il-persuna akkuzata hi mixlija hu sostanzjalment attribwibbli ghad-dipendenza ppruvata fuq id-droga tal-akuzat, din il-Qorti tqis li jirrizulta li l-appellant kellu problema ta' droga u ghalhekk gialadarba r-reati li taghhom instab hati jirrigwardaw serq iffisser li x'aktarx dan kien attribwibbli ghad-dipendenza fuq id-droga. Quddiem l-Ewwel Qorti omm l-appellant, Censina Borg fis-seduta tad- 19 ta' Settembru 2019 kienet xehdet li '*Jiena ghandi lit-tifel bil-problema tad-droga, jiena nghix bir-relief gieli lanqas flus ghalija ma jkolli biex nghaddi u t-tifel gabu dan il-baskett. It-tifel kien ghadu kemm ha l-methadone ghaliex wassaltu St. Luke's biex jehodha. X'hin konna ghadna d-dar qabel ma tlaqna bela' xi 4 pirmli tas-Salib u lanqas kien jaf x'qieghed jaghmel.*' Tghid li l-appellant kien kollu gharaq u lanqas felah isuq, li kienu ghadhom gejjin minn St. Luke's mid-detox. Xehdet li ftit kien ghadda hin, forsi ghaxar (10) minuti. Li skondha lanqas kienet ghadha bdiet tahdem il-*methadone* ghaliex tghid li dik gieli ddum xi nofs siegha imma hi ma tifhimx fid-droga. Ghalhekk omm l-appellant xehdet dwar wiehed mill-allegati reati li l-appellant gie mixli bih u tattribwixxi l-agir tieghu mal-problema tad-droga.

In kwantu r-rekwizit taht l-artikolu 8(2)(b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta jirrizulta li r-reati li taghhom gie akkuzat mhumiex reati volontarji kontra l-persuna u lanqas jikkonsistu f'att kriminali imwettaq waqt li kien fil-pussess ta' armi regulari jew bl-uzu ta' nar jew splussiv.

Fir-rigward tar-rekwizit ta' ragunijiet oggettivi li jindikaw li l-persuna akkuzata x'aktarx tigi riabilitata mid-dipendenza fuq id-droga jew li ghamlet progress jew sforz sostanzjali sabiex tehles mid-dipendenza mid-droga, jirrizulta li l-fedina penali tal-appellant hija wahda allarmanti tant li nstab hati ta' diversi reati inkluz diversi drabi ta' serq. Huwa fil-passat anke instab hati ta' pussess ta' droga eroina u cannabis. Jirrizulta li l-appellant kien inghata diversi cansijiet izda ma gharafx li juzufruwixxi ruhu minnhom. L-appellant kellu anke kundanni ta' habs.

Filwaqt li mill-Behaviour Report tal-habs jirrizulta li kellu diversi nuqqasijiet, jirrizulta li fit-testijiet li saru wara li sehh dan ir-reat u cioe' t-testijiet li ttiehdu fit- 3 ta' Ottubru 2019, fit- 13 ta' Jannar 2020 u s- 16 ta' April tas-sena 2020 irrizultaw fin-negattiv. Ghalhekk ghalkemm fuq naha wahda din il-Qorti tqis li l-appellant kien f'ambjent ikkontrollat u maghluq, tqis izda li ma tistax tghid li ma hemmx il-possibilita' li l-appellant jirriabilita ruhu. Jidher li l-appellant jixtieq li jinghata c-cans li jindirizza din il-problema tant li talab li din il-Qorti tikkonverti ruhha f'Qorti ta' Droga. Kif inghad irrizulta li minn mindu l-appellant dahal il-habs wara li gie mixli bir-reati mertu ta' dawn il-proceduri jirrizulta li zamm il-boghod mit-tehid tad-droga.

Din il-Qorti ghalhekk tqis li l-kundizzjonijiet imsemmija fis-Subartikolu (2) tal-artikolu 8 tal-Kapitolu 537 tal-Ligijiet ta' Malta huma sodisfatti, w ghalhekk issa wara li semghet is-sottomissjonijiet tal-avukat difensur f'isem il-persuna akkuzata u l-Avukat Generali u semghet ukoll kull xhud li hija qieset li kien necessarju, thoss li ghandha tikkonsulta mal-Bord ta' Riabilitazzjoni ta' Persuni li Nqabdu bid-Droga, u ghalhekk qeda tassumi l-funzjoni ta' Qorti dwar id-Droga u konsegwentement ai termini tas-Sub-inciz (3) tal-Artikolu 8 tal-Kap. 537 qeda tirreferi lill-persuna akkuzata quddiem il-Bord ta' Riabilitazzjoni ta' Persuni li Nqabdu bid-Droga sabiex jaghti dawk l-ordnijiet fir-rigward tal-persuna akkuzata kif previst fl-Artikolu 6 tal-istess Kapitolu 537 tal-Ligijiet ta' Malta.

*(ft)* Consuelo Scerri Herrera

Imhallef

VERA KOPJA

Franklin Calleja

Deputat Registratur